MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 58/2007/2

Kawza fil-lista: 5

**A B C**
**Vs**
**D E sive F C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-7 ta’ Mejju 2013 li permezz tieghu talbet li tinghata decizzjoni fir-rigward ta’ rikors li kien gie pprezentat fit-8 ta’ Gunju 2012 fil-mori tal-kawza fejn intalab li t-talba ghal separazzjoni personali tigi konvertita ghal talba ghal divorzju.

Rat illi l-kawza giet deciza fit-30 ta’ April 2013 minghajr ma dan ir-rikors gie deciz.

Rat ir-risposta tal-attur tat-28 ta’ Mejju 2013 li permezz taghha qed jopponi ghal din it-talba peress li l-Artikolu 235 tal-Kap 12 ma hux applikabbli ghac-cirkostanzi in dizamina.

Ikkunsidrat;

Peress li r-rikors tat-8 ta’ Gunju 2012 baqa’ mhux deciz it-talba attrici baqghet talba ghal separazzjoni u mhux talba ghal divorzju. Ghalhekk l-artikolu 235 tal-Kap 12 li jitratta cirkostanzi fejn talba attrici ma tigiex deciza ma hux applikabbli ghal kaz in dizamina in kwantu it-talba ghal separazzjoni ma kenitx giet konvertita ghal talba ghal divorzju.

Ghal dawn il-motivi tichad ir-rikors tas-7 ta’ Mejju 2013.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------